# BEATI U QADDISIN..APRIL

## 1 April

## San Ugo ta' Grenoble, isqof

San Ugo ta' Grenoble twieled fis-sena 1053 gewwa Châteauneuf-sur-Lers, u miet fi Grenoble fl-1 ta' April 1132 wara episkopat ta' 52 sena. Il-familja tieghu kienet wahda nobbli u ommu ghallmitu biex ikun hanin ma min hu sventurat, jitlob u jsum. Ta' 27 sena kien diga isqof ta' Grenoble. Huwa qeda b'fedelta kbira l-ipiskopat tieghu skond l-ispitru tar-riforma tal-knisja li kien il-qofol tal-pontifikat ta' Girgor VII.



Gie ikkonsagrat isqof ta' eta zghira meta kellu biss 27 sena u kien responsabbli mid-djocesi ta' Grenoble. Fid-djocesi tieghu mhux kollox kien ward u zghar Bhal fil-knisja universali, d-djocesi kellha bzonn li titnaddaf minn dawk li kellhom hafna interess zejjed fil-kilba ghall-gid tad-dinja, kostumi haziena u njoranza. Izda ftit kellu success ghaliex hafna njorawh.

Ma kellux triq ohra hlief li jiddemtetti u mar jghix ta' patri minghajr ebda grad fl-ordni tal-benedittini.

Imma min qieghdu fuq il-katedra ta' Grenoble ma kienx dispost li jittollera lil isqof li jhalli postu anqas minhabba l-umilta'. Kien l-Papa niffsu Girgor VII li ordnalu li jerga' jirritorna lejn id-djocesi tieghu u mill-gdid jiehu responsabilita' taghha. Il-Papa ried li jillibera l-knisja ta' dak iz-zmien mill-injoranza, il-gibda ghall-gid tad-dinja,

u l-kostumi hziena li kienu qed ikixklu l-knisja mhux ftit. U biex jasal il-Papa kien lest ghal kollox sahansitra johodha kontra kull min kien jieqaflu, kienu min kienu, sija lajci jew nies tal-knisja, princpijiet, rejiet jew slaten.

Beda jnaddaf, jikkorregi u jqaccat lil dawk li ma kienux denji. U fuq kollox kien jghallem biex jeqred l-injoranza. Il-Papa beda jara li r-riforma bdiet gejja 'l quddiem.

Matul l-episkopat tieghu San Bruno talab il-parir ta' l-isqof tieghu u kien San Ugo li ghenu biex iwaqqaf il-Monasterju tal- Kartusjani fil-muntanji tad-djocesi ta' Grenoble li ghadu maghruf sal lum. Huwa dejjem kien jaghraf li ma jiswa ghal xejn u talab lit-tlett papiet li tahthom qeda' l-episkopat tieghu biex jiddemetti. Imma l-Papiet dejjem kienu sodi fil-fehma taghhom li jhalluh fejn kien. Il-Papa Onorju f'ittra li kitiblu biex itarraflu li jridu jibqa' jmexxi lid-djocesu, kitiblu bejn wiehed u iehor hekk: Naf li inti issa kbira fl-eta' u marid, izda nippreferi lilek f'dan l-istat milli zaghzugh mimli sahha.

Fl-1 ta' April huwa halla dan il-wied tad-dmugh u wara mewtu saru mirakli li jikkonfermaw il-qdusija tieghu. Kien imtella' ghall-gieh ta' l-artali sentejn wara mill-Papa Innocent II.